

Brussell, 3 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8237/21

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0097(COD)

CODEC 609
PROCIV 40
JAI 456
COHAFA 41
FIN 321
CADREFIN 208

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fit-2 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikoli 196 u 322(1) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fid-29 ta' Ottubru 2020².
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-Opinjoni tiegħu fl-14 ta' Ottubru 2020³.
4. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri tat l-opinjoni tagħha fit-28 ta' Settembru 2020⁴.
5. Fis-27 ta' April 2021, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u, għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁵.

¹ 8330/20.
² ĠU C 10, 11.1.2021, p. 66–66.
³ ĠU C 440, 18.12.2020, p. 150-159.
⁴ ĠU C 385, 13.11.2020, p. 1–9
⁵ 8196/21.

6. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 6/21, bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss;
 - jiddeċiedi li d-dikjarazzjoni li tidher fl-Addendum 1 għal din in-nota tiddaħħal fil-minuti ta' dik il-laqgħa.
7. Fl-istess ħin, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jiddeċiedi, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/454⁶, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tad-Deċizzjoni msemmija hawn fuq jekk, minħabba ċ-ċirkostanzi relatati mal-COVID-19, ma ssir l-ebda laqgħa tal-Kunsill qabel it-12 ta' Mejju 2021.
8. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislativ jiġi adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u l-President tal-Kunsill, l-att leġislativ ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁶ Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/454 tat-12 ta' Marzu 2021 li testendi aktar id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċizzjoni (UE) 2020/430, u estiża bid-Deċizzjonijiet (UE) 2020/556, (UE) 2020/702, (UE) 2020/970, (UE) 2020/1253, (UE) 2020/1659 u (UE) 2020/26, fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 89, 16.3.2021, p. 15-16).